## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IR-REPUBBLIKA TA' MALTA V. JOSETTE STEWART (KI. 500679M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**10 ta' Jannar 2024**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Josette Stewart ta' 44 sena, bint Josephine Bonello nee' Bonello u missier mhux magħruf, imwielda l-Pieta' Malta, nhar is-17 ta' Ottubru 1979, residenti Blk D, Fl 6, Triq Kordin, Paola u detentriċi tal-karta tal-identita' numru 500679M, li ġiet mressqa taħt arrest illum 10 ta' Jannar 2024 u akkużata talli:

> **'ikkommettiet serq ta' kartiera minn ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CLY 285 fi Triq Kordin, Paola u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa (19:00) u l-għaxra (22:00) ta' filgħaxija, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeċċedi il-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u kkwalifikat ukoll bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u liema serq sar għad-dannu ta' Mehmood Asad Bhukari u / jew ta' xi persuna/i oħra u / jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra'**

rat li ġiet mitluba sabiex, fil-każ ta` ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħatja għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta` parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħalma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta,

rat li ġiet ukoll mitluba sabiex, fil-każ ta` ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, meta tagħti s-sentenza tordna lil-ħatja sabiex jirrestitwixxi lil parti offiża kull ħaġa minnu misruqa bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat jew li tħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra u dan ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

rat li waqt is-seduta tal-lum 10 ta' Jannar 2024 meta sar l-eżami tal-imputata bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandiex oġġezzjoni illi l-każ tagħha jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħta żmien xieraq sabiex twieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputata wieġbet li m'għandha l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

rat illi l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja,

rat illi fl-istess seduta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk tixtieqx twieġeb dwar il-ħtija o meno tagħha, l-imputata wieġbet li hija ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha,

rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputata tikkonsulta mal-avukat tagħha u terġa taħsibha,

rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġgħet wieġbet li hija inkondizzjonatament ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha,

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi ossia l-Artikoli: 18, 20, 261(c), 261(f), 261(g), 267, 270, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha u tikkundannaha għal piena karċerarja ta' sentejn sospiża għal erba' snin liema sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu operattiv tagħha l-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabbiltà tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Inoltre l-Qorti qegħda toħroġ Ordni ta' Kumpens ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9 billi tordna lill-imputata tħallas lill-*parte civile* Mehmood Asad Bhukari l-ammont**

**ta' € 1,000 bħala kumpens għat-telf li sofra, liema somma għandha titħallas entro ħames (5) xhur mil-lum f'pagamenti mensili u ugwali.**

**Il-Qorti tordna illi l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.**

V.G. Axiak

Maġistrat

Y. M. Pace

Dep. Reġistratur